# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. numru 2012/97 FDP**

**Josef Galea li jiggestixxi l-hanut 'Atimo Boutique'**

**vs**

**Combinati Transport Services Limited f'isimha proprju u bhala mandatarja tas-socjeta' estera 'Inter Maritime Forwarding Group'**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ipproceda kontra s-socjeta' konvenuta f'isimha proprja u bhala mandatarja tas-socjeta' estera "Inter Maritime Forwarding Group" b'dan l-att tac-citazzjoni :-

"L-attur ippremetta illi l-attur jiggestixxi l-hanut tal-hwejjeb bl-isem ta' 'Animo Boutique'.

Premess illi l-attur, kif jaghmel regolarment, f'Marzu, 1997, mar Londra flimkien ma' ommu Monica Galea, illi tghinu u tassistih fit-tmexxija u l-gestjoni ta' l-imsemmi hanut u fix-xelta u x-xiri tal-kapi t'abbiljament, sabiex jixtri merkanzija ta' hwejjeg ghall-istess hanut.

Premess illi effettivament l-attur, flimkien ma' ommu Monica Galea, xtraw hwejjeg minn go diversi stabbilimenti f'Londra b'valur totali ta' elf, hames mija u tnax-il lira Sterlina ($1,512) (vide Doks. 'A' – 'E');

Premess illi, kif jaghmel solitament ukoll, l-attur ikkomunika mas-socjeta' konvenuta sabiex dawn jipprovdulu t-trasport ta' l-imsemmija merkanzija, s-socjeta' konvenuta bhas-soltu accettat l-inkarigu u taw l-istruzzjonijiet mehtieg sabiex il-merkanzija 'de quo' tingabar minn go l-istabbilimenti indikati mill-attur, u cioe' 'Papillon Designs', 'Carducci Young Fashion' u 'Amazon Fashion Limited' f'Seven Sisters Road, Londra u 'Iota Fashions; u 'Metro Clothing Company Limited; go Fonthill Road, Londra, wkoll u tigi trasportata permezz ta' container bil-bahar lejn Malta;

Premess illi wara li l-attur wasal lura f'Malta, eventwalment huwa rcieva n-'notice of arrival' minghand is-socjeta' konvenuta (vide Doc. 'F') pero' l-merkanzija kollha baqghet qatt ma waslet, u ghaldaqstant l-attur sofra telf u danni fis-somma ta' elf, hames mija u tnax-il lira Sterlina ($1,512).

Premess illi, in oltre, sabiex jitla' Londra, l-Ingilterra biex jixtri l-merkanzija ta' hwejjeg 'de quo' l-attur inkorra diversi spejjez illi jammontaw ghas-somma ta' hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm527) konsistenti, in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm310) rapprezentanti l-prezz ta' zewg biljetti ta' l-ajru Malta-Londra-Malta ghall-attur u ommu Monica Galea, in kwantu ghas-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) rapprezentanti l-ispejjez ta' l-akkomodazzjoni, in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) rapprezentanti spejjez ta' trasport u telefonati u in kwantu ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm22) rapprezentanti spejjez ta' assigurazzjoni.

Premess illi l-attur diga' interpella lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju 1997, izda s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Premess illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 167 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), kif jirrizulta mill-anness affidavit ta' l-attur, hawn anness u mmarkat bhala Dok 'G".

Jitlob ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-attur dik is-somma ta' flus li hija ekwivalenti ghas-somma ta' elf, hames mija u tnax-il lira Sterlina ($1,512) f'valuta Maltija rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mixtrija mill-attur u lis-socjeta' konvenuta giet inkarigata titrasporta lejn Malta minn Londra, liema merkanzija, pero', qatt ma waslet Malta, flimkien mas-somma ta' hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm527) rapprezentanti l-ispejjez inkorsi mill-attur kif suespost u

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lill-attur dik is-somma ta' flus li hija ekwivalenti ghas-somma ta' elf, hames mija u tnax-il lira Sterlona ($1,512) f'valuta Maltija flimkien mas-somma ta' hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm527).

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-4 ta' Gunju 1977, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat illum u s-somma ta' erbghin lira Maltija (Lm40) (inkluz ETS) rapprezentanti spejjez legali extra-gudizzjarji u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta."

**ECCEZZJONIJIET**

Is-socjeta' konvenuta proprio et nomine hekk eccepiet ghat-talbiet attrici

:-

"1. Illi l-gudizzju mhux integru u s-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi fir-relazzjonijiet ma' l-attur hija qatt ma agixxiet f'isimha proprju izda dejjem qua mandatarju tas-socjeta' estera Inter Maritime Forwarding Group.

2. Illi in oltre l-istess gudizzju ghandu jitqies mhux integru fil-konfront taghha u s-socjeta’ konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tieghu stante illi hi m’ghadx ghandha l-mandat u m’ghandhiex tirraprezenta s-socjeta’ estera Inter Maritime Forwarding Group u dana jirrizulta ampjament ppruvat minn kopja ta’ l-ittra li qed tigi hawn mehmuza u mmarkata Dokument JA1.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut stante li r-relazzjoni li qatt kien hemm bejn is-socjeta’ konvenuta noe u l-attur kien biss biex tipprovdi servizz ta’ transport tal-merkanzija ta’ l-attur lejn dawn il-gzejjer u kienet responsabbilita’ assoluta ta’ l-attur li johrog polza t’assigurazzjoni sabiex ikopri eventwalijiet li huma r-raguni ghaliex saret din il-kawza.

4. Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet regolata mill-kundizzjonijiet ‘standard’ kif kontenuti fl-istandard trading conditions tal-British International Freight Association (BIFA) li kopja taghhom qed jigu hawn mehmuz u mmarkati Dokument JA u partikolarment klawsola 27 ta’ dawn il-kundizzjonijiet li tghid :-

*The Company shall be relieved of liability of any liss or damage if and to the extent that such loss or damage is caused by :*

*(A) ……….*

*(B) any cause or event which the Company is unable to avoid and the consequences thereof which the company is unable to prevent by the exercise of reasonable diligence.’*

**<u>DECIDE</u>**

Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili hekk iddecidiet il-kawza b’sentenza tal-15 ta’ Lulju 1998 :-

“Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ <u>l-ewwel domanda</u> ; tilqa’ <u>t-tieni domanda</u> fil-kapacita’ biss tas-socjeta’ konvenuta proprio u dan limitatament ghall-ammont ta’ elf, hames mija u tnax-il lira Maltin (Lm1,512) ghall-prezz ta’ merkanzija li ma waslitx u tichadha ghall-kumplament ; tilqa’ <u>t-tielet domanda</u> u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta proprio thallas lill-attur is-somma ta’ elf,

hames mija u tnax-il lira Maltin (Lm1,512) u tichadha ghall-kumplament. Tiddeciedi li s-socjeta' konvenuta bhala mandatorja tas-socjeta' estera "Inter Maritime Forwarding Group" ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta proprio hlief ghal dawk taghha bhala mandatarju ta' l-imsemmija socjeta' estera li ghandhom jigu sopportati mill-attur."

## MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"Illi l-attur ipprezenta din ic-citazzjoni biex is-socjeta' konvenuta proprio et nomine thallas is-somma ta' Lm1512 ghal valur ta' merkanzija li l-istess socjeta' konvenuta kellha twassal Malta u li ma wasslet qatt u s-somma ta' Lm527 ghall-ispejjez inkorsi mill-attur.

Illi l-attur, fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti spjega kif kien talab lis-socjet'a konvenuta proprio "biex iggorli l-merkanzija li kelli barra biex tigi mportata Malta". Stqarr li "qabel kull vjagg li kont naghmel, kont immur ghandhom u nghidilhom illi jiena sejjer nictri l-merkanzija, u kien jghidli biex jien inlesti x-xiri tieghi kollu u mbaghad kien tani telephone number biex incempel halli l-merkanzija tigi migbura minn xi hanut jew stores fejn ikun hemm il-merkanzija mixtrija minni".

L-attur ikkonferma li huwa kien ikellem lil Kevin Attard jew lil missieru Joe Attard u qatt ma mela xi dokument jew iffirma xi haga ghax dejjem halla f'idejn is-socjeta' konvenuta proprio ; anke c-cheque tal-hlas, meta jasal ix-xoghol kien isir f'isem l-istess kumpanija.
Illi meta wara n-nuqqas huwa mar ghand is-socjeta' konvenuta kienu jghidulu li mhux responsabbli ghax ma kienx assigurat. Illi b'dana kollu kienet l-istess socjeta' konvenuta proprio li baghtet cheque ta' Lm53.43 u ppretendiet li dan kien per saldu.

Illi ghalkemm din il-kawza giet intavolta a tenur ta' l-artikolu 167 (1) tal-Kap. 12, minhabba nuqqas to notifika giet differita u s-socjeta' konvenuta ipprezentat in-nota ta' l-eccezzjonijiet.

Illi mir-rizultanzi processwali, s-socjeta' konvenuta qatt ma semmiet lill-attur id-ditta "Inter Maritime Forwarding Group" u assumiet direttament l-inkarigu affidat lilha mill-attur.

Illi anqas jidher li ghandha tinghata ebda importanza lid-dokumenti ezibit mis-socjeta' konvenuta in kwantu jirrigwardaw ir-responsabbilita' taghha proprju u d-dokument a fol. 25 tal-process jirriferi ghal terzi u ghalhekk jidher li gie prezentat bi zball.

Illi s-socjeta' konvenuta u d-difensur taghha qatt ma dehru quddiem il-Qorti ghalkemm kien hemm diversi differimenti tal-kawza.

Illi mir-rizultanzi processwali, l-Qorti tifhem li t-talba in kwantu diretta kontra s-socjeta' attrici bhala mandatorja ta' socjeta' estera ma rrizultatx u ghalhekk din ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi t-talba attrici tirrigwarda kemm il-valur tal-merkanzija kif ukoll spejjez relattiva ghax-xiri ; il-Qorti tosserva li anke kieku kien hemm l-aktar assigurazzjoni ampja, dawn l-ispejjez qatt ma jigu koperti u t-trasportatur huwa responsabbli biss ghal dak fdat f'idejh."

**APPELL**

Minn din is-sentenza appellaw kemm l-attur principalment u, jidher, is-socjeta' konvenuta proprio et nomine incidentalment.

**L-APPELL PRINCIPALI**

L-attur issottometta zewg aggravji kontra s-sentenza appellata, wiehed fil-mertu u l-iehor fir-rigward tal-ispejjez. L-appell fil-mertu hu fis-sens illi l-ewwel Qorti kien messha fil-likwidazzjoni tad-danni minnu reklamati inkludiet wkoll l-ispejjez relattivi ghax-xiri ta' merkanzija li ma waslet qatt

Malta u li kienu jinkludu l-vjagg tieghu u t'ommu Londra ghal dan il-fini. Fl-ebda mument ma gie kontestat il-fatt illi l-attur appellant kien ghamel din l-ispiza biex ikun jista' jiddentifika u jixtri l-merkanzija li kienet diversi kapi ta' abbiljament. Allura l-attur isostni illi dawn id-danni kienu konsegwenzjali ghall-fatt illi l-merkanzija ma kienitx waslet Malta u ghall-fatt illi s-socjeta' konvenuta kienet kontrattwalment inadempjenti. Il-principju applikabbli kellu jkun dak illi kull wiehed kien responsabbli ghad-danni li huwa jikkaguna lil haddiehor bl-ghemil tieghu.

Principju indubjament korrett li kellu pero' jinqara mal-principju l-iehor illi kellu jigi provat in-ness ta' kawza u effett bejn id-danni reklamati u l-agir ta' min ikun ikkaguna d-danni. Hu proprju hawn illi dan l-aggravju jfalli. Filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li s-socjeta' konvenuta propio kienet assumiet ir-responsabbilita' shiha illi titrasporta l-merkanzija akkwistata mill-attur mill-Ingilterra ghal Malta, anke jekk dan ghamlitu tramite s-servizzi ta' socjeta' ohra estera li taghha kienet agent, daqstant iehor hu assodat illi r-relazzjoni kontrattwali bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta proprio kienet naxxenti mill-ftehim ta' garr ta' merkanzija. Dan ifisser illi kull dannu reklamat kellu necessarjament ikun konsegwenzjali ghall-agir tas-socjeta' konvenuta proprio fl-adempjament tal-obbligi taht dak il-kuntratt.

Skond dak il-ftehim is-socjeta' konvenuta kellha titrasporta l-merkanzija u r-responsabbilita' taghha allura ma setghatx teccedi l-valur ta' dik il-

merkanzija fdata f'idejha u l-fatt li ma kkonsenjathiex fejn kellha tikkonsenjaha. L-ispejjez accidentali huma allura biss dawk inerenti mal-operazzjoni tal-gar. Ma setghatx is-socjeta' konvenuta proprio tigi ritenuta responsabbli ghall-spejjez inkorsi mill-attur fl-akkwist u xiri tal-merkanzija kif qed jippretendi f'dan l-aggravju. Id-danni minhabba l-inadempjenza kontrattwali kellhom ikun allura ristrett u relatati ma' dik l-inadempjenza u kellhom ikunu konsegwenzjali ghaliha. Xorta ohra setghu jkunu l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti li kieku l-attur kien qieghed jaddebita xi responsabbilita' tal-attur "ex delictu" u vel quasi delictu". Dan pero' mhux il-kaz. Fil-fatt din il-Qorti tinnota illi fil-kawza xehed biss l-attur. Ma tirrizulta l-ebda prova da parti tas-socjeta' konvenuta. Da parti tieghu l-attur jillimita ruhhu ghad-dikjarazzjoni illi l-merkanzija ma waslitx Malta. Dan minghajr ma jaghti ebda indikazzjoni jew raguni ghaliex kien gara hekk.

Jidher li mhux kontestat illi l-merkanzija ma kienitx giet imwassla lill-attur minhabba xi nuqqas tat-trasportatur inkarigat mis-socjeta' konvenuta. L-istess socjeta' konvenuta li kienet allura mandatarja tat-trasportatur, citat ukoll f'din il-kawza, ma toffri l-ebda spjega x'gara lill-merkanzija u dan il-fatt donnu ma kien jinteressa lill-ebda parti lill-kawza. Fin-nuqqas ta' provi li b'xi mod jistghu jsostnu dan l-aggravju din il-Qorti ma tistax tilqghu.

Fit-tieni aggravju l-attur jilmenta li ma kienx sewwa illi s-sentenza appellata akkolatu l-ispejjez tas-socjeta' estera 'Inter Maritime Forwarding Group'. Fil-fatt is-socjeta' konvenuta kienet eccepiet illi "fir-relazzjonijiet mal-attur hija qatt m'agixxiet f'isimha proprju izda dejjem qua mandatarja tas-socjeta' estera 'Inter Maritime Forwarding Group''. Konsegwentement l-attur kien korrett li jharrek lis-socjeta' konvenuta mhux biss f'isimha proprju izda wkoll bhala mandatarja ta' din is-socjeta' estera. Dan l-aggravju hu ghal kollox gustifikat. Fil-fatt is-socjeta' konvenuta ghadha s'issa ssostni illi hi ma kienitx responsabbli ghad-danni reklamati imma kienet is-socjeta' estera. Una volta hu stabbilit illi dan ma kienx korrett u illi s-socjeta' estera ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur, kellu jsegwi illi l-ispejjez ta' dik is-socjeta' estera kellha tbatihom is-socjeta' konvenuta illi baqghet u ghadha tinsisti fuq il-prezenza taghha bhala parti f'din il-kawza.

Ghandu jinghad ukoll illi s-socjeta' konvenuta mill-ewwel bdiet tikkontesta t-talba tal-attur b'dan il-mod. Dan sa minn qabel ma giet intavolata l-prezenti kawza. Kien allura bilfors jinkombi fuq l-attur illi jharrek lis-socjeta' konvenuta f'isimha proprju u bhala mandatarja tas-socjeta' estera, agenzija li mhux kontestat li hi kellha u li baqghet tgawdi almenu s'Awissu 1997 u cioe' ftit gimghat qabel ma giet prezentata l-prezenti azzjoni. Jidher infatti li l-agenzija giet unilateralment terminata b'effett mill-4 ta' Awissu 1997 (ic-citazzjoni giet prezentata fil-15 ta' Settembru tal-istess sena) imma dan il-fatt tat-

terminazzjoni ma gie bl-ebda mod a konoxxenza tal-attur. Dan l-aggravju qed jigi allura milqugh u s-sentenza appellata f'dan is-sens riformata.

Jidher illi s-socjeta' konvenuta proprio et nomine fir-risposta taghha ghar-rikors tal-appell intavolat xi forma ta' appell incidentali anke jekk dan hu redatt b'mod mhux ghal kollox sagramentali. Dan l-appell pero' mhux sostennibbli. Infatti s-socjeta' konvenuta terga' tirribadixxi li hija qatt m'agixxiet f'isimha proprju izjda dejjem qua mandatarju tas-socjeta' estera 'Inter Maritime Forwarding Group'. Dan il-fatt bl-ebda mod ma jirrizulta provat mill-atti. Jirrizulta fil-fatt il-kontra u cioe' illi s-socjeta' estera kellha relazzjoni kontrattwali biss mas-socjeta' konvenuta Maltija. Konsegwentement dik l-istess socjeta' estera ma kellha l-ebda obbligu fil-konfront tal-attur u kien ghalhekk illi giet illiberata mill-osservanza tal-gudizzju. Il-fatt imbaghad illi s-socjeta' konvenuta m'ghadx kellha r-rapprezentanza tas-socjeta' estera kien ghal kollox irrilevanti ghall-mertu in kwantu din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi kienet is-socjeta' konvenuta personalment li kellha tirrispondi ghat-talbiet attrici.

Is-sottomissjoni mbaghad illi d-danni mhux dovuti ghax suppost kien hemm polza ta' assigurazzjoni li kellha tkoprihom proprju biex taghmel tajjeb ghall-eventwalijiet li sehhew f'dan il-kaz, hi ghal kollox irrelevanti mhux biss ghaliex m'hemm l-ebda prova dwar dan fl-atti imma wkoll

ghaliex f'materja ta' assigurazzjoni bl-ebda mod ma kienet tinfluwixxi fuq ir-responsabbilita' tal-kontraent li sewwa jadempjixxi l-obbligi kontrattwali tieghu. L-appell incidentali hu korrett biss fuq punt wiehed dak cioe' illi l-Qorti ddecidiet it-talba a bazi ta' ammont f'liri Maltin meta fil-fatt jirrizulta li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut f'liri Sterlini. Dwar dan hemm qbil bejn il-kontendenti u din il-Qorti qed tilqa' din il-parti tal-aggravju u tirriforma s-sentenza f'dan is-sens.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej :-

Tilqa' l-appell principali tal-atturlimitatament ghall-aggravju dwar il-kap tal-ispejjez u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ddecidiet illi l-attur kellu jhallas l-ispejjez tas-socjeta' estera u minflok tiddeciedi li anke dawn l-ispejjez kellhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta. L-aggravji l-ohra fl-appell principali qed jigu michuda. L-ispejjez ta' dan l-appell principali kellhom jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Tilqa' l-appell incidentali tas-socjeta' konvenuta proprio et nomine u tirriforma s-sentenza appellata limitatament ghall-aggravju illi s-sentenza appellata kkundannat lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm 1512 minflok is-somma ta' 1512 fil-liri Sterlini. Tirrevoka din il-parti tas-sentenza u minflok tiddeciedi li tilqa' din il-parti tat-talba kif dedotta u cioe' li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-

attur il-valur ekwivalenti f'valuta Maltija ta' liri Sterlini 1512. Tichad l-aggravji l-ohra tal-konvenut proprio et nomine fl-appell incidentali. L-ispejjez tal-appell incidentali kellhom jithallsu wkoll bin-nofs bejn il-kontendenti.

Ghall-bqija s-sentenza apellata qed tigi konfermata. L-ispejjez kollha tal-ewwel istanza kellhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta u, anke f'dan kif fuq deciz, is-sentenza appellata qed tigi riformata.

Dep/Reg

mg